**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafà)**
**(Spettur Jonathan Ferris)**
**(Spettur Doriette Cuschieri)**

**vs.**

**Antonio Briffa**

Numru: 1286/2009

Illum 25 ta' Gunju 2020

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Antonio Briffa,** ta' wiehed u tletin (31) sena, iben Mario u l-mejta Emanuela neé Baldacchino, imwieled il-Pietà fis-27 ta' Awwissu 1978, residenti f'93, Nido D'Amore, Triq Guzé D'Amato, Paolo u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 402078(M)

akkuzat talli:

1. f'dawn il-Gzejjer, fit-30 ta' Lulju 2009 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh li jeccedi l-mija u erbatax-il elf, disa' mija u sebgha u tmenin Euro (€114,987) ghad-dannu ta' James Caterers Limited u/jew Starfruit Limited;

2. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioé iffalsifika diversi *invoices*;

3. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza, u cioé ghamel uzu minn diversi *invoices* iffalsikati;

4. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata, liema skrittura privata setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

5. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, xjentement ghamel uzu minn skrittura privata falza, liema skrittura privata setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

6. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, u cioé diversi *invoices* iffalsifikati;

7. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghamel uzu mhux sewwa minn xi karta fdata lilu in bjank bil-firma biss, bi hsieb ta' qliegh, kiteb fuqha xi haga li kienet ta' hsara ghal persuna ohra, jew, bl-istess hsieb, zied fuq karta mhix in bjank, fdata lilu, xi kitba jew klawsola.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-*Money Laundering* (Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta) hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex, f'kaz ta' htija, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 23B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 358) datata 18 ta' Lulju 2012 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 18, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-Artikoli 18, 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-Artikoli 18 u 187(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-Artikoli 18 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) fl-Artikoli 18 u 297 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) fl-Artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta;
(g) fl-Artikoli 17, 23, 23A(2), 23B, 31, 532A, 532B, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-8 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 371), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-18 ta' Lulju 2012 (*a fol.* 358), f'liema seduta l-imputat ma tax il-kunsens tieghu u fejn gie verbalizzat li l-imputat xtaq jikkonsulta ma' l-avukat tieghu.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-30 ta' Lulju 2014 (*a fol.* 377), l-imputat ta l-kunsens tieghu ghall-proceduri sommarji.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-18 ta' Frar 2015 (*a fol.* 381), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-18 ta' Lulju 2012 (*a fol.* 358), f'liema seduta l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

<u>Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mill-Prim'Imhallef Emeritus Silvio Camilleri (*a fol.* 384b *et seq.*).</u>

Semghet, fis-seduti tad-29 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 386) u tat-23 ta' Mejju 2017 (*a fol.* 400), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet, fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2018 (*a fol.* 409 *et seq.*), lill-imputat jiddikjara li kien ser jaghzel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

Semghet, fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2018 (*a fol.* 409 *et seq.*), lid-difiza titlob li jigi mhejji *Social Inquiry Report* fil-konfront tal-imputat, liema talba giet milqugha.

Semghet, fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2018, id-depozizzjoni moghtija mill-Ufficjal tal-*Probation* Anabel Bugeja (*a fol.* 426 *et seq.*) u rat is-*Social Inquiry Report* (Dok. "AB 1" – *a fol.* 429 *et seq.*) redatt minnha.

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2019 (*a fol.* 459) gie vverbalizzat, fost l-ohrajn, is-segwenti:

> *"Deher Dr. Carl Grech ghal Starfruit Limited, il-parte civile f'dawn il-proceduri, fejn iddikjara li s-socjeta' Starfruit Limited thallset dak li kellha tithallas minn ghand Antonio Briffa u li ghalhekk illum is-socjeta' Starfruit Limited m'ghandhiex aktar pretensjonijiet minn ghand Antonio Briffa u ghalhekk tista' tiddikjara li tista' tirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli".*

Semghet, fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2019 (*a fol.* 460), lid-difiza tiddikjara li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-kaz u b'hekk ghalqet il-provi taghha.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fil-15 ta' Novembru 2019 (*a fol.* 461 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza pprezentata fis-6 ta' Mejju 2020 (*a fol.* 475 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Frar 2010, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Angelo Gafà** (*a fol. 9 et seq.*) fejn spjega li dan il-kaz beda fuq rapport datat 30 ta' Lulju 2009 maghmul minn James Caterers Limited rigward allegat frodi mill-imputat li jghid li huwa *delivery*

*man* ma' Starfruit Limited. Spjega x'gie spjegat lilu in segwitu ta' dan ir-rapport fejn, fost l-ohrajn, inghad li l-imputat kien jaghmel konsenja ta' frott u haxix suppliti minn Starfruit Limited lil James Caterers Limited. Jghid ukoll li James Barbara (direttur tal-kumpanija James Caterers Limited) rcieva informazzjoni kunfidenzjali u li fl-24 ta' Lulju 2009 kien sar jaf li kien hemm zewg *invoices* ta' Starfruit Limited fuq James Caterers Limited, liema *invoices* kienu diga ffirmati u li gew ricevuti minn James Caterers Limited meta kienu ghadhom ma dahlux fil-kumpanija. Kompla jispjega x'irrizulta li sar. Jixhed li rrizulta li fuq numru ta' *invoices* kien hemm diversi firem li kienu suspettuzi ghaliex dawn ma nstabux li kienu jappartjenu lill-ebda impjegat fil-kumpanija u b'hekk gie suspettat li kien hemm diversi *invoices* foloz. Spjega li l-imputat thalla johrog b'*invoice* u li fit-30 ta' Lulju 2009 l-imputat ipprezenta din l-*invoice* li kienet iffirmatlu Giorgia Barbara, liema *invoice* kienet tiswa ghoxrin Euro (€20.00) u mizjuda maghha kien hemm tmienja u tletin (38) kaxxa tuffieh, wiehed u ghoxrin (21) kaxxa laring, zewg kaxxi kiwi u zewg kaxxi gheneb u li l-ammont tela' ghal elf u tnejn u disghin Euro (€1092). Jghid kien hemm zewg *invoices* ohra hekk u li meta Giorgia Barbara giet mitluba tivverifika l-firma taghha fuqhom, hija kkonfermatlu (lill-iSpettur Gafà) li ma kienux taghha u li nfurmatu li fuq *Invoice* bin-Numru 207802 hija kienet biss iffirmat ghal kaxxa banana. Jixhed: "*Sa dan it-tant James Caterers ghamlu ezercizzju ta' malajr ghax-xahar ta' Gunju 2009 u dawn meta qabblu l-oggetti li fil-fatt kienu qed juzaw ma' l-oggetti allegatament mixtrija, dawn sabu diskrepanza ta' €4872 ghad-dannu tal-kumpanija. Kien ghalhekk li wara jiena kont gejt fil-pussess ta' kopja ta' l-invoices allegatament firem foloz fuqhom u kienu suspettuzi allura u dawn kien ghaddiehomli James Caterers, fit-30 ta' Lulju 2009, jiena kont bghatt ghal Antonio Briffa, l-imputat li naghraf fl-awla*" (*a fol.* 12). Jghid li l-imputat irrilaxxa zewg stqarrijiet, li gew ezebiti u mmarkati bhala Dok. "AG 1" (*a fol.* 18 *et seq.*) u Dok. "AG 2" (*a fol.* 23 *et seq.*). Ezebixxa wkoll: numru ta' *invoices* li fuqhom inbdiet l-investigazzjoni (liema *invoices* gew immarkati bhala Dok. "AG 3" sa "AG 7" – *a fol.* 25 *et seq.*) u kampjun ta' seba' firem li Giorgia Barbara rrilaxxat fl-ufficcju tieghu fit-30 ta' Lulju 2019 (Dok. "AG 8" – *a fol.* 30).

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Angelo Gafà** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2010 (*a fol.* 216 *et seq.*) fejn ezebixxa l-*Memorandum and Articles* mahruga mill-MFSA ta' Starfruit Limited (Dok. "SF" – *a fol.* 218 *et seq.*) u ta' James Caterers Limited (Dok. "JC" – *a fol.* 237 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2010, xehed **James Barbara** (*a fol.* 38 *et seq.*) fejn beda billi qal li huwa l-*Managing Director* tas-socjeta' James Caterers Limited u fejn ikkonferma li fit-30 ta' Lulju 2009 ghamel rapport mal-Pulizija. Spjega li wara li gie nnutat li l-*food costs* kienu qed jigu aktar gholi mill-*budget*, id-Dipartiment tal-*Accounts* beda jaghmel ezercizzju fuq il-lahmijiet u l-hxejjex, liema ezercizzju ma sarx fuq il-frott. Jixhed li talab lil Ganni [John], sid is-socjeta' Starfruit Limited, li jissuplixxihom bil-frott, biex imur ghandhom (ghand James Caterers limited) u sabiex jiehu mieghu l-ktieb ta' l-*invoices*. Spjega li rrizulta li zewg *invoices* li kien hemm fil-ktieb (u cioé dawk bin-Numru 207613 (Dok. "AG 3" – *a fol.* 25) u 207612 (Dok. "AG 4" – *a fol.* 26)) kienu diga ffirmati ghall-Gimgha u s-Sibt u li dawn il-granet kienu ghadhom ma waslux. Jichad li kien iffirmahom hu (James Barbara) u meta mistoqsi jghid min suppost jiffirma dawn l-*invoices*, wiegeb li tezisti sistema li jiffirmahom min hu responsabbli fil-*purchasing*, fejn jghid li hemm numru ta' nies. Spjega li hekk kif ra li dawn l-*invoices* kienu diga' ffirmati u li ma kienx dahal ix-xoghol tkellem mad-Deputat Kummissarju Cachia. Jghid li minn filmat ra li hekk kif ommu (omm James Barbara) fethet il-bieb, ra lill-imputat (li jgib il-frott) jidhol wara l-*cash* ta' ommu, rah jiftah kaxxa u jaghmel xi haga f'kaxxa u jghid li dak il-hin ma tax kaz li l-imputat kien qed jitfa' l-*invoices*. Spjega x'ghamel u meta ra lil certu Charlie Bugeja jdahhal dawn iz-zewg *invoices*, staqsieh (lil Bugeja) jekk kienx ra dak ix-xoghol diehel, ghal liema domanda Bugeja wiegbu fin-negattiv. Jghid li wara rrizultalu li minn kaxxa tal-banana ta' ghoxrin Euro (€20.00), l-ammont gie dak ta' elf u tnejn u disghin Euro (€1092). Fuq Dok. "AG 5" (*a fol.* 27) ra li kien hemm firma ta' ommu (ta' James Barbara). Spjega li fuq l-*invoice* ma kienx hemm miktub kaxxa banana biss pero' kien hemm miktub aktar frott. Jghid li l-kaxxa banana biss kienet dahlet u li l-frott l-iehor qatt ma dahal. Spjega x'irrizulta minn *invoice* ohra. Ezebixxa l-filmat li gie mmarkat bhala Dok. "JB" *(a fol.* 319*)*

minn fejn jghid li jirrizulta s-segwenti: *"irrizulta dak li kien jidhol Toni x'hin tigi ommi, kienet tiftah ommi. Sakemm tiftah din, tant kienet tafdah din li darba minnhom ghidtilha: "Inti komplici mieghu dan ghax qed tarah jiftah il-kaxxa u jitfa' l-invoices u ma tghidlu xejn". Tant kienet tafdah u tant kienet moghmija fuqu. Anke jekk, per ezempju, nittardjaw jumejn jew tliet ijiem biex naghtuh ic-cekk wara l-ahhar tax-xahar, kienet iccempilli u tghidli: "Isma, James, atghuhulu lil Toni miskin""* (*a fol.* 49). Mistoqsi jghid kemm kien ilu jqassmilhom xoghol l-imputat, wiegeb: *"Ilu nahseb dawn l-ahhar hames snin"* (*a fol.* 50). Jghid li minn *audit* li sar irrizulta li x-xoghol li ma dahalx kien fl-ammont ta' €215,000. Ezebixxa *invoices* originali (Dok. "JB 1" – *Envelope Loose*) u elenku ta' *invoices* originali (Dok. "JB 2" sa Dok. "JB 8" – *Envelope Loose*)[1].

**James Barbara** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2010 (*a fol.* 257 *et seq.*) fejn meta nghad lilu li huwa kien pprometta li jaghmel ricerka halli jara jsibx *invoices* ohrajn ghal dawk li pprezenta waqt id-depozizzjoni moghtija minnu fit-2 ta' Marzu 2010 fejn kien indika li dawn kienu x'aktarx jinsabu ghand Starfruit Limited, u mitlub jghid x'irrizultalu, wiegeb: *"Jiena minn ricerka li ghamilt u staqsejt lid-Dipartiment tal-Accounts taghna u li kellhom tawhomli u dawk prattikament ma' jitolbuhomx hlief jekk ikollhom xi diskrepanza f'xi invoice"* (*a fol.* 258). Mistoqsi jghid fejn, skond huwa, jinsabu l-kumplament, wiegeb: *"Suppost ghand is-supplier. Alla hares kull supplier li nircievu x-xoghol minn ghandu jkollna invoice doppja. Prattikament ahna l-invoice tkun ghandna u jekk ma naqblux ma' xi haga nitolbu kopja taghha"* (*a fol.* 258).

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2010, xehed ukoll **John Agius** (*a fol.* 59 *et seq.*) fejn spjega li huwa jimporta u jbiegh frott frisk taht l-isem ta' Starfruit Limited. Jghid li l-imputat huwa lavrant tieghu u jispecifika li kien cempillu James ta' James Caterers Limited fejn qallu li kellu bzonn ikellmu u li kien talbu biex jiehu mieghu l-kotba tal-*invoices* peress li ried jiccekkja xi karti. Jghid li minkejja li sar l-inkontru u li ma rrizulta xejn, wara xi jiem cempillu l-imputat u qallu li kien arrestat. Jghid li sar kliem mal-imputat li kien hemm xi hlasijiet pendenti ma' James Caterers u li kellu jhallashom hu (l-

[1] Dok. "JB 2" jinsab mar-rapport (Dok. "JG" – *Envelope Loose*) tas-Sur Joseph Gaffiero.

imputat) ghal xoghol li ma kienx tah. Jghid li saret kostituzzjoni ta' debitu ghand in-Nutar Anthony Abela. Ezebixxa numru ta' *invoices* li gew immarkati bhala Dok. "JA" *(Envelope Loose*).

**John Agius** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2010 (*a fol.* 104 *et seq.*) fejn meta nghad lilu mill-Prosekuzzjoni li meta xehed precedentement huwa kien ipprezenta *invoices* minn April sa Lulju 2009 u li issa gie mitlub jipprezenta dawk bejn Settembru 2008 u Lulju 2009, qal li ma kellux aktar *invoices* u qal ukoll li f'kaz li jkunu mhallsin, dawn l-*invoices* ma jkunux ghandu. Jghid li minkejja li ccekkja, ma rrizultax li kienu ghandu. Ezebixxa: (a) kostituzzjoni ta' debitu u korrezzjoni ta' kostituzzjoni ta' debitu (Dok. "JA 1" – *a fol.* 107 *et seq.*), (b) ftehim li lahaq mal-imputat (Dok. "JA 2" – *a fol.* 111) u (c) *sales sheet* ta' darba wahda biss kif jahdmu x'hin l-imputat jghabbi l-vann u jmur ibiegh (Dok. "JA 3" – *a fol.* 112).

**John Agius** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2010 (*a fol.* 259 *et seq.*) fejn meta gie mitlub jghid jekk kienx ha mieghu numru ta' *invoices* li jmorru lura ghal perjodu partikolari, wiegeb: *"Dawk l-invoices imhallsin. Ahna l-procedura taghna tahdem hekk. In-nies li ghandi li jmorru jbieghu ghandhom file apposta. Min ihallashom jaghtuh l-original invoice u jaghmlulu "Paid" u min ma jhallashomx jaghtuh kopja u l-original igibha. Nirregistrawha fuq il-ktieb, ghandhom ktieb kull wiehed. Plus hekk tidhol fil-computer u jekk wara dawn l-invoices originali jibqghu fil-pagna, ezempju dan il-kaz ta' James Caterers u naghmlu pagna ghal James Caterers u jibqghu hemm sakemm ihallas. Kif appena jmur u jhallsu u jaghtih ic-cekk, dan jaghmillu "Paid" fuq ir-ricevuti u jaghtihom lil min ihallsu. Jiena nippretendi li dawn imhallsin, ilhom imhallsin u llum tigi titlobni invoices. Ser ihallasni u m'ghandekx invoice? Il-procedura ma tahdimx hekk"* (*a fol.* 260). Mitlub jikkonferma jekk l-*invoices* li gie mitlub humiex *invoices* imhallsin u li b'hekk gew mghoddija lil James Caterers Limited, wiegeb fl-affermattiv. Jghid li ma jinstabux ghandu. Jixhed li hu ghandu biss dawk mhux imhallsa u li gew mitluba minnu mill-iSpettur Gafà u qeghdin ghandu (ghand l-iSpettur). Jghid li hu tahom lill-imputat u hu (l-imputat) tahom lil James Caterers. Jichad li qeghdin ghandu.

| | |
|---|---|
| Prosekuzzjoni: | *"Jigifieri skond inti li ma kienx imhallas huwa dak li ezebejt l-invoices originali taghhom?".* |
| Xhud: | *"Iva dawk ghadhom pendenti".* |
| Prosekuzzjoni: | *"Fil-verita' ghadhom pendenti jew ilhaqt xi ftehim ma' James Caterers?".* |
| Xhud: | *"Le jiena ma lhaqt xejn ftehim ma' James Caterers bhal issa"* (*a fol.* 261). |

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2010, xehdet **Dr. Maria Cardona** (*a fol.* 102 *et seq.*) fejn xehdet li kienet giet nominata biex tipprezenta rapport dwar l-assi tal-imputat. Filwaqt li hija nfurmat lill-Qorti li kellha r-rapport lest, qalet ukoll li kien hemm numru ta' ittri li rrizultaw fil-pozittiv u l-Qorti diversament preseduta awtorizzata sabiex tisma' bil-gurament lix-xhieda li tawha rizultanzi pozittivi.

**Dr. Maria Cardona** regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2010 (*a fol.* 164) fejn spjegat li kellha taghti l-gurament li dawk il-persuni fejn il-korrispondenza rrizultat fil-pozittiv. Ezebiet ir-rapport redatt minnha li gie mmarkat bhala Dok. "MC" (*Arch Lever File*) u kif ukoll it-tieni rapport taghha li gie mmarkat bhala Dok. "MC 1" (*a fol.* 166 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2010, xehed ukoll **Mark Zahra** (*a fol.* 113 *et seq.*) fejn beda billi jispjega li huwa *Financial Controller* mas-socjeta' James Caterers Limited u li ilu jaghmel dan ix-xoghol ghall-ahhar sentejn u nofs. Mitlub jispjega fiex kien involut hu meta flimkien ma' James Barbara sar rapport fil-konfront tal-imputat wiegeb li hekk kif id-direttur taghhom sejhilhom ghax kien jaf li kien hemm xi *invoices* li kienu qed jidhlu fis-sistema taghhom bhala *accounting system* pero' x-xoghol li kien hemm miktub fuq l-karti ma kienx jidhol, ghalhekk bdew iduru l-karti u ghamlu rapport fuq dak li kienu qed isibu. Jghid li huma bdew anke jikkonfrontaw xi firem minn fejn irrizulta li kien hemm karti li l-firma fuqhom kienet tixxibah ma' min is-soltu kien jiffirma dawn il-karti (cioé Giorgia Barbara li kienet il-persuna li kienet tircievi x-xoghol) pero' l-firma ma kinitx proprja taghha. Mistoqsi jghid jekk kinitx Giorgia Barbara biss li kienet tiffirma fuq dawn l-*invoices*, wiegeb li l-maggior parti tal-*invoices* li kienu foloz kienu bil-firma

ta' Giorgia Barbara pero' qal ukoll li mhux Giorgia Barbara biss kienet tiffirma fuq dawn l-*invoices*. Spjega li kien hemm zewg *entry points* minn fejn jidhol ix-xoghol: wiehed fejn kien hemm Giorgia Barbara (fejn kien jigi *stored* ix-xoghol imbaghad johrog wara ftit tal-hin) u iehor fejn kien jitla' x-xoghol u jmur fil-kcina. Jghid li ghal certu perjodu ta' zmien il-frott kollu kien jidhol min-naha ta' Giorgia Barbara u li mbaghad gie deciz li l-frott ma' jibqax jidhol min-naha taghha pero' jidhol min-naha ta' Marino Cilia. Mistoqsi jghid ta' min suppost kienet il-firma dubjuza, wiegeb li suppost kienet ta' Giorgia Barbara, li jghid tigi omm id-direttur tal-kumpanija. Jghid li din il-firma tfisser li x-xoghol ikun gie ccekkjat u li x-xoghol dahal u li hemm qbil ma' dak li hemm u li l-kumpanija rcevietu. Jghid li, jekk mhux sejjer zball, kien f'Gunju 2008 li bdew jaqilbu s-sistema li x-xoghol jidhol minn naha ta' Marino Cilia u mhux minn naha ta' Giorgia Barbara. Mistoqsi jghid jekk f'dak il-perjodu Giorgia Barbara qatt ma setghet tircievi xoghol, wiegeb: *"Kienet tircievi xi xoghol fejn kien ikun hemm shortages, xi affarijiet zghar li kien ikun jonqoshom il-production department. Kienu jcemplu lilu biex jigi jaghti l-frott u ovvjament kien ikollu affarijiet zghar imma mhux il-bulk tax-xoghol"* (*a fol.* 115-116). Jghid li kien involut fl-analizi li ghamlet il-kumpanija biex jaraw x'seta' kien id-dannu soffert u xehed ukoll: *"Dan prattikament il-kumpanija ghandha hafna kuntratti illi l-ikliet taghha huma kuntrattjati specjalment ma' awtoritajiet tal-Gvern. Dawn it-tip ta' kuntratti fihom menu li jkun stipulat li ovvjament ghandek ammont ta' granet u ammont ta' drabi li f'dawn il-granet dejjem jitqassam frott. Li ghamilna huwa morna through minn April 2007 sa dak il-perjodu li ovvjament ittellghu dawn l-affarijiet u rajna ovvjament kemm suppost tajna frott, jigifieri kemm suppost inxtara frott li dahal minn hemm hekk u hareg u gie billed lill-kuntratti diversi u kemm fil-verita' xtrajna u hrigna ovvjament b'ammont ta' differenza"* (*a fol.* 116). Jghid li sar rapport minnu bl-assistenza ta' Arthur Gauci fejn rrizulta li gew *billed* frott iktar ghal €211,420. Ezebixxa dan id-dokument li gie mmarkat bhala Dok. "MZ" (*a fol.* 120 *et seq.*) u spjega fiex kien jikkonsisti dan id-dokument.

**Mark Zahra** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2011 (*a fol.* 280 *et seq.*) fejn gie mitlub jipprezenta kopja ta' *invoices* li semma l-imputat fl-istqarrija. Mitlub jghid fejn huma l-original

taghhom wiegeb li James Caterers Limited kienu nghataw biss kopji. Ezebixxa dawn l-*invoices* komplessivament bhala Dok. "MZ".

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2010, gie mitlub jixhed **Marino Cilia** (*a fol.* 100 u 126), f'liema seduta saret oggezzjoni ghad-depozizzjoni tieghu peress li kien prezenti fl-awla waqt li kien qed jixhed Mark Zahra, liema oggezzjoni giet milqugha mill-Qorti kif diversament preseduta.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2010, xehed ukoll **Emanuel Stuart** (*a fol.* 128 *et seq.*) fejn spjega li huwa jahdem mas-socjeta' James Caterers Limited fejn jigi ricevut ix-xoghol. Jghid ilu jaghmel dan ix-xoghol madwar sbatax-il sena. Jghid li jaf lill-imputat peress li kien jiehu x-xoghol tal-frott. Mistoqsi dwar il-procedura meta l-imputat imur bix-xoghol, wiegeb li l-imputat kien jiehu x-xoghol, hu (Emanuel Stuart) kien jiznu u jara li kollox kien sew u f'kaz affermattiv jiffirma u l-imputat jaghtih l-*invoice* originali lura. Jghid li hu (Emanuel Stuart) izomm kopja tal-*invoice* li tigi nserita fid-*daily book* tieghu (ta' Emanuel Stuart). Ikkonferma li huwa jiffirma bhala konferma li jkun ircieva x-xoghol.

In <u>kontro-ezami</u> jichad li kien ikun hemm tliet kopji tal-*invoices*. Jghid li l-kopja li kien izomm hu (Emanuel Stuart) kien jiktibha fid-*daily book* tieghu u minn hemm hekk tmur ghand xi hadd iehor biex jghadduhom minn fuq il-kompjuter. Jispjega li l-kopja tieghu tigi migbura minn Marino jew Charlie Bugeja. Jghid li l-bicca l-kbira huwa kien ikun hemm meta jingieb il-frott, ghajr ghal meta jkun ma jiflahx jew ikun bil-*leave*.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2010, xehed ukoll **Charles Bugeja** (*a fol.* 133 *et seq.*) fejn spjega li huwa jahdem flimkien ma' Marino Cilia fid-Dipartiment tal-*Purchasing* ta' James Caterers Limited. Jghid li xoghlu kien jikkonsisti f'illi gie li jordna l-affarijiet fl-assenza ta' Cilia, jiccekkja l-affarijiet huma u dehlin, u jaghmel l-*invoicing* u jdahhalhom fil-kompjuter. Specifika li jekk bniedem fizikament gablu kaxxa laham, jara li dik il-kaxxa laham taqbel mal-*invoice*. Jghid li lill-imputat jafu ghax kien ibieghilhom il-frott.

Mitlub jispjega x'inhi l-procedura meta kien imur l-imputat bil-frott wiegeb li l-imputat kien imur bit-trakk u jipparkja fl-*unloading bay*, kien ihott il-frott u jiznu, jitfghu fic-cestuni tal-kumpanija tal-plastik taghhom, huma jiznuh u jaraw li hemm qbiel mal-*invoice* u jiffirmaw.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2010, xehed ukoll **Horace Mallia** (*a fol.* 136 *et seq.*) fejn spjega li huwa jahdem bhala *storekeeper* mas-socjeta' James Caterers Limited. Jghid li jaf lill-imputat peress li kien jiehu x-xoghol tal-frott. Mistoqsi jghid jekk huwa kienx involut f'xi haga meta l-imputat kien jiehu l-frott, wiegeb li kienu jkunu hu (Horace) u persuna ohra u li kien jiffirmalu min kien jiccekkja x-xoghol. Ghad-domanda jekk huwa qattx iffirma fuq *invoices*, wiegeb: *"Meta kont inkun wahdi, iva"* (*a fol.* 137). Mistoqsi jghid x'kienet tfisser il-firma tieghu, wiegeb li din kienet tfisser li x-xoghol kien ikun wasal.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2010, xehdet ukoll **Giorgina Barbara** (*a fol.* 139 *et seq.*) fejn qalet li hija tahdem mas-socjeta' James Caterers Limited u li x-xoghol taghha huwa fil-*loading area* u taghmel dak li jkun hemm bzonn, fosthom li meta kien imur ix-xoghol hemm, hija kienet ticcekkja meta ma kienx ikun hemm min jiccekkja. Mistoqsija tghid x'kienet ticcekkja, wiegbet li kienet ticcekkja li kien jasal il-frott. Spjegat li qabel ix-xoghol kollu tal-frott kien jidhol fejn kienet tkun hi. Tghid li l-frott (u tispecifika li kien laring, tuffieh u banana) kien jiehdu l-imputat. Mistoqsija tghid x'kien ix-xoghol taghha meta tara l-frott, wiegbet li kienet ticcekkja li kienu gew mehuda dawk il-kaxxi u tghid ukoll li wara xi zmien l-imputat ma baqax jiehu x-xoghol hemmhekk u beda jmur in-naha l-ohra. Mistoqsija tghid jekk hija kinitx aktar tircievi, wiegbet: *"Le kultant kien jigi jghidli: "Cempluli biex ingiblek kaxxa laring, ha u ffirmali. Issa ngibilhom xi haga ohra" u mbaghad nkompli u niktibha"* (*a fol.* 143). Mitluba tispjega, tghid li l-imputat kien imur u kien jghidilha li cemplulu ghal kaxxa banana jew kaxxa gheneb.

| | |
|---|---|
| Prosekuzzjoni: | *"Mela allura issa s-sistema bdiet li meta jkun hemm xi nuqqasijiet zghar"* |

| | |
|---|---|
| Xhud: | *"Iva kien jigi jghidli, jiena ma kontx inkun naf li cemplulu ghax ikunu cemplulu min-naha l-ohra. Hu kien jigi jghidli: "Gibtilhom kaxxa banana". Imbaghad kien jghidli: "Iffirmali ghax gibtilhom kaxxa banana l-bierah"".* |
| Qorti: | *Inti kont tiffirma ghal kaxxa banana li ma tkunx rajt?".* |
| Xhud: | *"Iva. Ghax kien jghidli: "Cempluli u gibtilhom kaxxa banana malajr ghax ma kellhomx u nqabdu bla banana"".* |
| Qorti: | *"U min suppost ikun cempillu skond inti?".* |
| Xhud: | *"Jiena kien jghidli: "Cempluli minn fuq". Ma nafx min ikun cempel hux"* (*a fol.* 143-144). |

Mitluba tikkonferma mill-Qorti li kien hemm okkazzjonijiet fejn hija ffirmat *invoices* ta' oggetti li ma rcevietx hi, wiegbet: *"Ma rajthomx jiena iva. Gie li ffirmajt xi haga li kien igibli hdejja, kont niffirmahielu. U daqshekk"* (*a fol.* 144). Mistoqsija tghid x'kien jigri mill-*invoice* dak il-hin, wiegbet: *"Gie li kien izommha u ma jaghtihiliex, jghidli: "Issa ha ngibilhom xi haga ohra u mbaghad ingiblek f'daqqa" u jiena qatt ma kelli dubju li mhux ser igibha. Imbaghad gie li kien jigi l-ghada u jghidli: "Ghandek l-invoice tal-bierah" u kien hemm cupboard warajja u kien hemm kaxxa u kien jitfaghhom go fiha"* (*a fol.* 144). Mistoqsija tghid jekk l-imputat kienx imur gurnata ohra, wiegbet: *"Gie li kien jigi l-ghada u jghidli: "Ghandek il-karta tal-bierah" u jiktibli u jghidli: "Ghandek xi kaxxa xi haga ohra", jiktibli u jitfaghha fil-kaxxa warajja"* (*a fol.* 145). Mistoqsija tispjega x'kienet taghmel meta kien jghidilha li kien ha l-karta tal-gurnata ta' qabel u jekk kinitx tara l-karta, wiegbet: *"Le gie li ma kontx narha. Ha nghid il-verita'. Ma kontx noqghod niccekkja. Jiena qatt ma kelli dubju. Kien ilu hafna jaghmel hekk li meta jigi jaghtini l-karta jitfaghha warajja"* (*a fol.* 145). Tghid li l-imputat kien jitfaghha go *cupboard* warajha fejn kien hemm kaxxa li jitfa' l-*invoices* fiha. Tikkonferma li meta l-imputat kien jiehu dawn l-*invoices*, hu kien jaqbad u jitfaghhom u hi ma kinitx tivverifika. Ghad-domanda jekk kull meta rceviet xi *invoice* hija ffirmatx fuqha jew le, wiegbet: *"Gie li ffirmajt iva. Meta kien jurini kont niffirma zgur"* (*a fol.* 146). Tghid li gie li tkun rat *invoices* u gie li ma tkunx rathom. Tghid li l-imputat gie li kien jghidilha biex tiffirmalu peress li jkun ha kaxxa l-gurnata ta' qabel, hu kien jehodha mieghu u kien

jghidilha li l-ghada jew aktar tard kien ser jehdilhom xi xoghol iehor u tkun iffirmata u lesta minn ghandha. Ghad-domanda jekk l-ghada hija kinitx terga' ticcekkja, wiegbet fin-negattiv u tghid li kien jghidilha li kien gabilha x-xoghol. Tispjega li fil-bidu fil-*loading bay* kien jittiehed mhux biss frott pero' anke hobz. Meta giet murija Dok. "AG 3" sa Dok. "AG 7" (*a fol.* 25 *et seq.*) u giet mitluba tghid jekk taghrafx xi firma taghha fuqha, wiegbet li l-firma li hemm ma kinitx taghha. Meta giet murija firem li jidhru fuq Dok. "AG 8" (*a fol.* 30) qalet li dawn huma l-firem taghha li saru meta marret id-*Depot*. Mistoqsija mill-Qorti kemm damet ghaddejja din il-prassi li tircievi l-oggetti minghajr ma tivverifika l-kwantita', tghid li damet ghaddejja madwar sena.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li hija giet mitkellma meta sar maghruf li kien hemm xi firem mhux taghha. Tixhed: *"Qaluli: "Dan dahal xi xoghol ghandek?". Ghidtlu: "Le ma dahal xejn". Niftakar kienet xi wahda banana u ghidtlu: "Dik wahda banana biss gab hawnhekk, kif hawn dawn kollha?""* (*a fol.* 149). Ghad-domanda: *"Inti kien l-obbligu tieghek li ticcekkja kull kaxxa li tidhol?"* (*a fol.* 150), wiegbet: *"Meta kont inkun wahdi, kien jigi kmieni, ghax jiena kont immur kmieni u hu gie li kien jigi kmieni, ma kien ikun hemm hadd"* (*a fol.* 150). Ghad-domanda jekk kienx parti mix-xoghol taghha li ticcekkja kull kaxxa, wiegbet fl-affermattiv. Tikkonferma li hafna drabi kienet ticcekkjahom.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2010, xehed **Arthur Gauci** (*a fol.* 204 *et seq.*) fejn beda billi qal li huwa direttur f'numru ta' kumpaniji u li bhala professjoni huwa *accountant*. Mistoqsi jghid jekk ghandux xi relazzjoni kummercjali ma' James Caterers, wiegeb fl-affermattiv u qal li ghandhom negozju flimkien. Mistoqsi jghid jekk jaghmilx xi xoghol ta' *accountancy* ghas-socjeta' James Caterers wiegeb li gie li jassistihom. Meta gie muri Dok. "MZ" (*a fol.* 120 *et seq.*) qal li dan huwa dokument li kien pprepara hu stess wara li nqala' l-kaz u spjega x'ghamel biex hejjieh. Jghid li huwa jirraprezenta s-Seabank Group u li ghandhom negozju ma' James Caterers li ilu li beda minn April 2007.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2010, xehdet ukoll **Therese Zammit** (*a fol.* 211 *et seq.*) fejn spjegat li hija tahdem l-ETC u tghid li

giet mitluba tixhed fuq l-*Employment History* ta' Antonio Briffa, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 402078(M). Tghid li fil-prezent jidher li qed jahdem ma' Starfruit Limited u li fl-4 ta' Ottubru 2004 beda bhala *full time* u li ghandu *part time* li bdieh fl-1 ta' Settembru 2007. Ezebiet d-dokumentazzjoni li xehdet fuqha li giet immarkata bhala Dok. "TZ" (*a fol.* 214 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2011, xehed **Romwald Attard** (in rapprezentanza tal-Bank of Valletta – *a fol.* 270 *et seq.*) fejn meta gie muri dokument li jinsab *a fol.* 177, ikkonferma d-dokument imsemmi, u dana wara li nghad mill-Prosekuzzjoni li Joseph Borg Cardona ma kienx ghadu jahdem mal-Bank of Valletta.

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2011, xehed ukoll **John Sammut** (in rapprezentanza tal-Bank HSBC – *a fol.* 272 *et seq.*) fejn meta gie muri dokument li jinsab *a fol.* 171, ikkonferma li dan id-dokument gie mibghut u ffirmat minnu.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2011, xehed **Martin Bajada** (*a fol.* 312) fejn spjega li kien gie nominat sabiex jaghmel kopja ta' *optical diskette* u jghaddieha lill-partijiet u fejn qal li huwa hekk ghamel. Irritorna Dok. "JB" (*a fol.* 319) minn fuq liema ghamel il-kopja u pprezenta kopja tar-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok. "MB" (*a fol.* 314 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2012, xehed **Joseph Gaffiero** (*a fol.* 354 *et seq.*) fejn filwaqt li rritorna l-*invoices* li fuqhom hadem sabiex ikun jista' jespleta l-inkarigu moghti lilu, ezebixxa r-rapport redatt minnu, liema rapport gie mmarkat bhala Dok. "JG" (*Envelope Loose*).

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2018, xehdet l-**Ufficjal tal-*Probation* Anabel Bugeja** (*a fol.* 426 *et seq.*) fejn ezebiet is-*Social Inquiry Report* redatt minnha li gie mmarkat bhala Dok. "AB 1" (*a fol.* 429 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the*

*least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti processwali jirrizulta li bhala impjegat mas-socjeta' Starfruit Limited l-imputat kien jikkonsenja l-frott u l-haxix lis-socjeta' James Caterers Limited u fejn qed jigi allegat li l-imputat kien izid xi prodotti fl-*invoices* li kienu jkunu diga ffirmati u li ma kienx ghadu dahal ix-xoghol taghhom, liema prodotti mizjuda ma kienux verament qed jigu kkonsenjati lis-socjeta' James Caterers Limited.

Illi eventwalment gew intavolati l-proceduri odjerni fil-konfront tal-imputat, fejn l-imputat gie akkuzat bis-segwenti: bi frodi, b'falsifikazzjoni, b'uzu ta' dokumenti foloz u b'abbuz ta' karta in bjank jew xort'ohra. Filwaqt li fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 461 *et seq.*) il-Prosekuzzjoni tishaq ghala l-imputat ghandu jigi misjub hati tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tieghu, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 475 *et seq.*) id-difiza tissottometti ghala l-imputat m'ghandux jigi misjub hati tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tieghu u taghmel sottomissjonijiet wkoll dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, f'kaz ta' htija.

Illi, qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputat, il-Qorti hija tal-fehma li jkun opportun li taghmel riferenza ghal dak mitlub mid-difiza fis-sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 475 *et seq.*) fejn intalab li l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat ghandhom jigu skartati ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess sottomissjonijiet.

Illi l-Qorti tinnota li ser jigu skartati l-istqarrijiet immarkati bhala Dok. "AG 1" (*a fol.* 18 *et seq.*) u Dok. "AG 2" (*a fol* 23 *et seq.*) u li gew rilaxxati mill-imputat fit-30 ta' Lulju 2009 u fis-26 ta' Settembru 2009 rispettivament u dana *stante* li dawn l-istqarrijiet ittiehdu fi zmien meta l-ligi Maltija ma kinitx tippermetti li persuna arrestata

tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni taghha mill-Pulizija u dana in vista tal-gurisprudenza kopjuza ricenti, b'mod partikolari dik moghtija mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fit-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **Mario Borg vs. Malta** u, fost l-ohrajn, dik moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2016 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Camilleri**. Riferenza ghandha ssir ukoll ghal dak deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Dicembru 2018 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Aldo Pistella**, f'liema kawza l-Qorti Kostituzzjonali trattat il-kwistjoni meta l-imputat kien inghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat ta' fiducja tieghu u huwa ha dan id-dritt pero' l-imputat ma kellux avukat prezenti mieghu waqt it-tehid ta' tali stqarrija u dana *stante* li dan ma kienx possibbli meta ttiehdet l-istqarrija in kwistjoni.

Kif nghad hawn fuq, il-Qorti ser tiskarta l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat *stante* li dawn ma jistghux jigu meqjusa bhala prova ammissibbli. Naturalment, dan japplika wkoll ghal kull stqarrija li jkun ghamel l-imputat minghajr ma jkun gie moghti d-dritt imsemmi hawn fuq, inkluz ghalhekk kull stqarrija verbali li jkun ghamel lill-Ufficjal Investigatur, fl-istadju tal-investigazzjoni u mhux biss l-istqarrija li titnizzel bil-miktub ghaliex l-istess ragunament japplika ghal tali stqarrija wkoll. Ghalhekk, il-Qorti ser tiskarta wkoll bhala inammissibbli x-xiehda tal-Ufficjal Prosekutur in kwantu din tirreferi ghal dak li stqarr l-imputat waqt l-investigazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni**
**(Artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta):**
Illi filwaqt li Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrigwarda "Frodi b'eghmil qarrieqi", Artikolu 309 tal-Kapitolu msemmi jirrigwarda "Kazijiet ohra ta' qligh b'qerq".

Illi biex jissussisti r-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut diversi drabi fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-Qrati taghna illi jridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-

suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat u cioé bejn min qieghed jikkommetti r-reat u l-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana r-reat u cioé l-uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lill-vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura r-reat tat-truffa ma jistax jissussisti.

Illi f'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** moghtija fit-22 ta' Frar 1993, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ghamlet esposizzjoni ferm preciza, studjata u dettaljata ghar-rigward ta' l-elementi ta' dana r-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana r-reat:

> *"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Franciz. […]*
>
> *Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta' l-Artikolu 430 tal-Codice delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (Artikolu 405) avolja dan, il-Codice delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi […].*
>
> Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta' l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.
>
> Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.
>
> Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu

ta' l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkommetti d-delitt tat-truffa kull min:

a) b'mezzi kontra l-ligi, jew
b) billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew
c) ta' kwalifiki foloz jew
d) billi jinqeda b'qerq iehor u
e) ingann jew
f) billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,
g) jew ta' hila;
h) setgha fuq haddiehor jew
i) ta' krediti immaginarji jew
j) sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.

[...H]u necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. […]

Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi *"hemm bzonn biex ikun reat taht l-Artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza* ***Reg vs. Francesco Cachia e Charles Bech*** *(03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell'articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed é necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede""*.

Illi fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** kwotata hawn fuq, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali iccitat lill-Imhallef Guzé Flores fejn qal illi:

> *"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita' ta' verita' kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene".*

L-istess Imhallef Flores kompla jghid li:

> *"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioé kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita' tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."*

Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta' l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-Qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jissussisti r-reat tal-frodi baqghu nvarjati fiz-zmien.

Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewlieni fir-reat tal-frodi huwa *"l'elemento del danno patrimoniale"*. Biex imbaghad jissussisti dana t-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu *"I tre momenti di cui si compone il reato é cioé la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella*

*conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente."* (Cassazione Penale Sez. II 3 ottobre 2006 n. 34179)

Illi, ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, cioé **Il-Pulizija vs. Patrick Spiteri**, deciza fit-22 ta' Ottubru 2004:

> *"L'agente […] deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quel profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta' sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti procwesswali jirrizulta s-segwenti:

- L-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Angelo Gafà spjega li l-imputat thalla johrog b'*invoice* u li fit-30 ta' Lulju 2009 l-imputat ipprezenta din l-*invoice* li kienet iffirmatlu Giorgia Barbara, liema *invoice* kienet tiswa ghoxrin Euro (€20.00), mizjuda maghha kien hemm tmienja u tletin (38) kaxxa tuffieh, wiehed u ghoxrin (21) kaxxa laring, zewg kaxxi kiwi u zewg kaxxi gheneb u li l-ammont tela' ghal elf u tnejn u disghin Euro (€1092). Jghid kien hemm zewg *invoices* ohra hekk u li meta Giorgia Barbara giet mitluba tivverifika l-firma taghha fuqhom, hija kkonfermatlu (lill-iSpettur Gafà) li ma kienux taghha u li nfurmatu li fuq *Invoice* bin-Numru 207802 (Dok. "AG 5" – *a fol.* 27) hija kienet biss iffirmat ghal kaxxa banana.

- James Barbara (il-*Managing Director* tas-socjeta' James Caterers Limited) filwaqt li spjega li rizulta li *Invoices* bin-Numri 207613 (Dok. "AG 3" – *a fol.* 25) u 207612 (*Vide* Dok. "AG 4" – *a fol.* 26) kienu diga ffirmati u li ma kienx dahal ix-xoghol taghhom, qal li minn filmat (Dok. "JB" – *a fol.* 319) ra li hekk kif ommu fethet il-bieb, ra lill-imputat jidhol wara l-*cash* ta' ommu, rah jiftah

kaxxa u jaghmel xi haga f'kaxxa u jghid li dak il-hin ma tax kaz li l-imputat kien qed jitfa' l-*invoices*.

- John Agius (importatur u bejjiegh ta' frott frisk taht l-isem ta' Starfruit Limited) filwaqt li qal li l-imputat huwa lavrant tieghu u li kien cempillu James Barbara biex ikellmu, qal ukoll li kien sar kliem mal-imputat li kien hemm xi hlasijiet pendenti ma' James Caterers u li kellu jhallashom hu (l-imputat) ghal xoghol li ma kienx tah. Ezebixxa, fost l-ohrajn, (a) kostituzzjoni ta' debitu u korrezzjoni ta' kostituzzjoni ta' debitu (Dok. "JA 1" – *a fol.* 107 *et seq.*) u (b) ftehim li lahaq mal-imputat (Dok. "JA 2" – *a fol.* 111).

- Mark Zahra (*Financial Controller* mas-socjeta' James Caterers Limited) spjega li wara li gie mitkellem minn James Barbara, hekk kif bdew jikkonfrontaw xi firem fuq *invoices* irrizulta li kien hemm karti li l-firma fuqhom kienet tixxibah ma' min is-soltu kien jiffirma dawn il-karti cioé Giorgia Barbara li kienet il-persuna li kienet tircievi x-xoghol pero' l-firma ma kinitx proprja taghha. Huwa spjega li ghal certu perjodu ta' zmien il-frott kollu kien jidhol min-naha ta' Giorgia Barbara u li wara gie deciz li l-frott ma' jibqax jidhol min-naha taghha pero' jidhol min-naha ta' Marino Cilia.

- Charles Bugeja (li spjega li jahdem ma' Marino Cilia fid-Dipartiment tal-*Purchasing* tas-socjeta' James Caterers Limited) qal li xoghlu kien jikkonsisti f'illi gie li jordna l-affarijiet fl-assenza ta' Cilia, jiccekkja l-affarijiet huma u dehlin, u jaghmel l-*invoicing* u jdahhalhom fil-kompjuter.

- Horace Mallia, filwaqt li spjega li huwa jahdem bhala *storekeeper* mas-socjeta' James Caterers Limited, qal li jaf lill-imputat peress li kien jiehu x-xoghol tal-frott. Ghad-domanda jekk huwa qattx iffirma fuq *invoices*, wiegeb: *"Meta kont inkun wahdi, iva"* (*a fol.* 137).

- Giorgina Barbara spjegat li hija tahdem fil-*loading area* mas-socjeta' James Caterers Limited u tghid li kienet ticcekkja li kien

jasal il-frott. Spjegat li l-imputat kien jiehu x-xoghol fejn kienet tkun hi u wara xi zmien kien jiehdu in-naha l-ohra. Tghid li drabi minnhom l-imputat kien imur u kien jghidilha li cemplulu ghal kaxxa banana jew kaxxa gheneb u kien jghidilha biex tiffirmalu, u tikkonferma li kienet tiffirma ghal xi haga li ma tkunx rat li verament ingiebet. Tul id-depozizzjoni taghha spjegat x'kien jigri mill-*invoice* dak il-hin. Tghid: *"Gie li kien izommha u ma jaghtihiliex, jghidli: "Issa ha ngibilhom xi haga ohra u mbaghad ingiblek f'daqqa" u jiena qatt ma kelli dubju li mhux ser igibha. Imbaghad gie li kien jigi l-ghada u jghidli: "Ghandek l-invoice tal-bierah" u kien hemm cupboard warajja u kien hemm kaxxa u kien jitfaghhom go fiha"* (*a fol.* 144). Mistoqsija tghid jekk l-imputat kienx imur gurnata ohra, wiegbet: *"Gie li kien jigi l-ghada u jghidli: "Ghandek il-karta tal-bierah" u jiktibli u jghidli: "Ghandek xi kaxxa xi haga ohra", jiktibli u jitfaghha fil-kaxxa warajja"* (*a fol.* 145). Mistoqsija tghid x'kienet taghmel meta kien jghidilha li kien ha l-karta tal-gurnata ta' qabel u jekk kinitx tara l-karta, wiegbet: *"Le gie li ma kontx narah. Ha nghid il-verita'. Ma kontx noqghod niccekkja. Jiena qatt ma kellu dubju. Kien ilu hafna jaghmel hekk li meta jigi jaghtini l-karta jitfaghha warajja"* (*a fol.* 145). Tghid li l-imputat kien jitfaghha go *cupboard* warajha fejn kien hemm kaxxa li jitfa' l-*invoices* fiha. Tikkonferma li meta l-imputat kien jiehu dawn l-*invoices*, hu kien jaqbad u jiftaghhom u hi ma kinitx tivverifika.

- Fir-rapport tieghu (Dok. "JG" – *Envelope Loose*), is-Sur Joseph Gaffiero wasal ghas-segwenti konkluzjoni:

> *"Ir-rizultat komparattiv ma jistax, f'dan il-kaz, ikun aktar konkluziv, minhabba l-fatt li l-maggoranza tal-firem (94) jiena nsostni li hemm possibilita' kbira li huma tal-istess persuna. Gia la darba m'ghandiex kampjuni li jixxiebhu ma' dawn il-hamsa u disghin firma, inhoss li ma nistax nasal ghal konkluzjoni definittiva u jkolli nieqaf hawn"* (*a fol.* 3 tar-rapport).

Illi nghad aktar il-fuq li:

> "[...H]u necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi".

Illi filwaqt li l-Qorti taghmel riferenza ghal dak li gie deciz fis-sentenza hawn fuq kwotata fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb**, fejn il-Qorti ta' l-Appell Kriminali iccitat lill-Imhallef Guzé Flores, wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-esposizzjoni legali tar-reat ta' frodi kif indikat hawn fuq u wara li kkunsidrat dak li jirrizulta mill-atti processwali, il-Qorti tinnota li minkejja li jirrizulta li l-imputat kien lavrant ma' Starfruit Limited u li kien jiehu l-frott u l-hxejjex lis-socjeta' James Caterers Limited u minkejja li John Agius ipprezenta, fost l-ohrajn, id-dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "JA 1" (*a fol.* 107 *et seq.*) u Dok. "JA 2" (*a fol.* 111), pero' fl-istess waqt, tenut kont tal-fatt li l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat gew skartati ghar-ragunijiet imsemmija hawn fuq, il-Qorti tinnota li ma jirrizultalhiex sodisfacentement pruvat sal-grad rikjest fil-ligi kriminali li kien l-imputat li kien il-persuna li zied il-prodotti fuq l-*invoices* in kwistjoni.  B'hekk ma tista' qatt tirrizulta htija fl-imputat taht Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Anqas ma jirrizulta li l-imputat ghamel xi qliegh iehor b'qerq kif jiddisponi Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant isegwi li l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat ma gietx sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**<u>It-Tieni (2), it-Tielet (3), ir-Raba' (4), il-Hames (5), is-Sitt (6) u s-Seba' (7) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikoli 183, 184, 187, 189 u 297 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**
Illi dawn l-imputazzjonijiet kollha jirrigwardaw allegat falsifikazzjoni da parte tal-imputat ta' dokumenti, abbuz ta' karta in bjank jew xorta' ohra u li xjentement sar uzu mill-istess imputat mid-dokumenti *ossia invoices* foloz.

Illi, a skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni, b'mod partikolari (a) fejn inghad li ma jirrizultalhiex sodisfacentement pruvat li kien l-imputat li kien il-persuna li zied il-prodotti fuq l-*invoices* in kwistjoni u (b) ghall-konkluzjonijiet li wasal ghalihom is-Sur Joseph Gaffiero fir-rapport redatt minnu (Dok. "JG" - *Envelope Loose*). Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ma tista' qatt issib htija fl-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet in ezami, inkluz il-fatt li ma giex sodisfacentement pruvat li l-imputat kien qieghed xjentement jaghmel uzu minn dokumenti *ossia invoices* foloz.

Illi l-Qorti taqbel ma' dak li nghad mid-difiza meta fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 475 *et seq.*) sahqet li l-Prosekuzzjoni qatt ma talbet li jittiehed kampjun tal-kaligrafija tal-imputat sabiex isir ezami komparattiv mal-kalligrafija misjuba fuq l-*invoices*.

Illi, mehud in konsiderazzjoni dak li ghadu kemm inghad hawn fuq, il-Qorti m'hijiex ser taghmel l-ebda konsiderazzjoni dwar jekk l-*invoices* ghandhomx jitqiesu bhala att awtentiku u pubbliku, jew inkella skrittura kummercjali jew ta' bank privat kif jirrikjedi l-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk isegwi li anqas it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5), is-sitt (6) u s-seba' (7) imputazzjoni addebitati fil-konfront tal-imputat ma gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnhom ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tista' tispekula dwar jekk l-imputat kellux xi involviment f'dak li huwa gie akkuzat bih f'dawn il-proceduri, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti. Dak li jirrizulta mill-atti processwali jista' jindika diversi ipotesijiet u mhux certezzi u li ma jista' qatt ikun prova univoka u ma jista' qatt iwassal lil din il-Qorti ghal konkluzjoni wahda.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Formosa et** moghtija fil-15 ta' Jannar 2016, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> "Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-kaz kif jemerġu mill-provi inkluzi dawk li fuqhom straħet l-ewwel Qorti u din il-Qorti waslet għall-konkluzjoni li fuq dawk iċ-ċirkostanzi l-ewwel Qorti ma setgħetx raġionevolment tasal għall-konkluzjoni li waslet għaliha u ċioé li l-imputati appellanti huma ħatja mingħajr dubbju dettat mir-raġuni tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom. L-aktar 'il bogħod li wieħed jista' jasal fuq l-iskorta tal-provi prodotti huwa li dawn jiġġeneraw suspett raġonevoli li l-imputati ikkommettew l-għemil imputat lilhom mill-Prosekuzzjoni, izda prova sa dan il-grad ma hix bizzejjed sabiex jintlaħaq il-grad għoli ta' prova meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija fil-qasam tad-dritt penali".

Illi, mehud dak kollu li nghad hawn fuq in konsiderazzjoni, jirrizulta li fil-kawza odjerna jezisti dubbju dettat mir-raguni dwar jekk l-imputat huwiex hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Illi l-provi li hemm fl-atti ma humiex sufficjenti ghal sejbien ta' htija, provi li fil-kamp penali jridu jindikaw lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-htija ta' l-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Antonio Briffa hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

Finalment, il-Qorti tichad it-talbiet tal-Prosekuzzjoni fir-rigward ta' l-applikazzjoni tal-provedimenti ta' Artikolu 23B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fir-rigward ta' l-ispejjez relatati mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, liema talbiet saru fic-*charge sheet*, u dana *stante* li l-imputat Antonio Briffa gie liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**